PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**Il-Ħadd, 12.12.10 :IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT**
Wara l-quddiesa tal-10.30a.m. se ssir l-prova tal-kant tal-Kor tal-kbar. Tkun fil-knisja.

Il-ġabra li ssir illum fil-knisja se tkun għar-restawri.

**IT-TLIETA, 14.12.10: Fid-9.30a.m.** quddiesa minn Mons. Isqof Mario Grech, flimkien mad-Diretturi Spiritwali tal-iskejjel. Din se tkun bħala party mill-attivitajiet organizzati mill-**Community Chest fund** preżenti se tkun ukoll is-Sinjura Abela mart **President ta' Malta;**u bis-sehem tat-tfal u l-għalliema tal-iskola.

**Fis-6.30p.m.** Se ssir il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali

**L-ERBGĦA, 15.12.10: TIBDA IN-NOVENA**
Illum nibdew in-Novena bi tħejjija għall-Milied.
Nistieden lil kulħadd biex jieħu sehem speċjalment fil-quddiesa ta' filgħaxija.
Inħeġġu lit-tfal kollha biex jattendu. Kuljum wara l-quddiesa se jittellgħu rigali marbuta mal-Milied.

**IS-SIBT,18.12.10 : KORS GĦARAJJES**
**Fit-7.45p.m.** Se ssir laqgħa oħra ta' tħejjija għaż-żwieġ u l-ħajja tal-familja. Din tkun fid-Dar Parrokkjali u wara l-laqgħa se jkollhom ftit refreshments flimkien.

**IL-ĦADD, 19.12.10: IR-RABA ĦADD TAL-AVVENT**
**Fis-6.30p.m.** se jsir **KUNĊERT TAL-MILIED** mis-Sopran Georgina Gauci, flimkien mal-Cordia String Quartet. Dan se jkun fil-Knisja tagħna.
Nistieden lil kulħadd biex jattendi ħalli napprezzaw dan it-talent sabieh.

## KALENDARJU / ĠABRA

Din il-ġimgħa qassamnielkom il-Kalendarju tal-Parroċċa tas-Sena li ġejja u għamilna il-ġabra għar-restawr tal-Koppla.
Dawk il-familji li għal xi raġuni ma waslilhom il-Kalendarju, jistgħu jitolbuna wieħed mill-Uffiċċju Parrokkjali. Dawk il-familji li ma kienux d-dar u jixtiequ jagħmlu l-offerta tagħhom jistgħu jagħmluha fl-uffiċċju parrokkjali jew jagħtuha lil xi saċerdot tal-parroċċa.
Nirringrazzjak lil kulħadd tal-ġabra li saret.

## PONSJETTI

Biex inżejnu l-knisja għall-Milied, se nużaw ix-xtieli tal-ponsjetti u neħtieġu numru konsiderevoli minnhom.
Għalhekk qed nagħmlu sejħa biex min jixtieq iħallas xitla tal-ponsjetta għall-Milied ikellimna fl-uffiċċju parrokkjali, sa nhar il-Ħamis.

Kull xitla tiswa **€4.** Grazzi.

## MILIED FIL-FAMILJA

Qegħdin noqorbu sew lejn il-Festa sabiħa tal-Milied u fuq barra u forsi anke ġewwa diġa beda t-tiżjin. Hija ħaġa sabiħa li aħna nżommu dawn it-tradizzjonijiet ta' missirijietna marbutin ma' din il-festa.
Pero' biex għalina jkun Milied veru, jeħtieġ li nagħmlu sforz biex inżejnu wkoll l-familja. Dan isir billi kuljum fil-familja jsir xi talb flimkien; nagħmlu xi atti ta' karita' minn dak li nkunu ċċaħħadna minnu f'dawn il-ġranet; nagħmlu xi żjara lil xi ħadd marid jew anzjan; inrażżnu xi ftit l-ikel; nirranġaw xi nuqqas ta' ftehim ma' xi ħadd; nieħdu sehem fil-quddiesa; nattendu xi laqgħa ta' formazzjoni; ecc. Hekk inkunu qegħdin nipprepara maxtura sabiħa fil-familja għal Ġesu.